



59
MT

FACTS

L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol

ISSN 1725-7069

Tnaqqis tar-riskji ta' storbju fuq il-post tax-xogħol

Kuljum, miljuni ta' impjegati fl-Ewropa huma esposti għal storbju fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li dan iġib miegħu. Għall-Ġimgħa Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol 2005, l-Aġenzija għamlet rapport li jiffoka dwar kif l-istruttura tad-Direttiva Ewropea u l-istandards kumplimentarji jassiguraw li riskji ta' storbju għall-ħaddiema jiġu indirizzati sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż personali, soċjali u ekonomiċi għolja ta' mard u inċidenti li huma kkawżati mill-espożizzjoni għal storbju.

Politika Ewropea dwar l-istorbju fuq il-Post tax-Xogħol

Id-direttiva qafas⁽¹⁾ u direttivi oħra li huma orjentati għall-post tax-xogħol, bħalma huma dawk dwar l-istorbju⁽²⁾, PPE⁽³⁾ u ħaddiema tqal⁽⁴⁾, jipprovdu struttura sabiex jiġu ġestiti r-riskji kollha (mhux biss ir-riskju ta' telf tas-smiġħ minħabba l-istorbju) ta' l-istorbju għall-ħaddiema kollha. Id-direttiva qafas tistabbilixxi l-prinċipji ġenerali dwar il-prevenzjoni, u mbagħad id-direttivi aktar speċifiċi, li minnhom id-direttiva ta' l-2003 dwar l-istorbju hija l-aktar saljenti dwar l-istorbju, tagħti detall akbar.

Il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni

- Skansar tar-riskji
- Evalwazzjoni tar-riskji li ma jistgħux jiġu skansati
- Ġlieda tar-riskji fis-sors
- Adattazzjoni tax-xogħol għall-individwu
- Adattazzjoni tal-progress tekniku
- Sostituzzjoni ta' dak li huwa perikoluż permezz ta' dak li mhux perikoluż jew dak li huwa anqas perikoluż
- Żvilupp ta' politika ta' prevenzjoni globali koerenti
- Għoti ta' prijorità lil miżuri kollettivi ta' protezzjoni fuq miżuri ta' protezzjoni individwali
- Għoti ta' struzzjonijiet xierqa lill-ħaddiema

Min iħaddem huwa meħtieġ li jikkontrolla r-riskji fis-sors, jelimina jew inaqqas ir-riskji ta' l-istorbju għall-anqas livell, jieħu in konsiderazzjoni l-progress tekniku u d-disponibbiltà ta' miżuri ta' prevenzjoni. Wieħed m'għandux iserraħ fuq protezzjoni tas-smiġħ personali bħalma huma tappijiet tal-widnejn fejn hemm miżuri disponibbli li

huma aħjar sabiex jiġi eradikat jew ikkontrollat ir-riskju (e.g. billi wieħed jaħdem fuq is-sors ta' l-istorbju). Id-direttiva ta' l-2003 dwar l-istorbju tidentifika fatturi li għandhom jiġu kkonsidrati fil-kontroll tar-riskji mill-istorbju:

- metodi tax-xogħol li jirrikjedu anqas espożizzjoni għall-istorbju;
- l-għażla tat-tagħmir tax-xogħol li jipproduċi l-anqas storbju possibbli;
- id-disinn u l-pjanta ta' positijiet tax-xogħol u impjanti tax-xogħol;
- informazzjoni, taġġim u taħriġ tal-ħaddiema;
- tnaqqis ta' l-istorbju permezz ta' l-użu ta' mezzi tekniki;
- programmi ta' manutenzjoni għal taġġim tax-xogħol, il-post tax-xogħol u s-sistemi tiegħu;
- tnaqqis ta' storbju permezz ta' organizzazzjoni ameljorata tax-xogħol;
- restrizzjoni tal-ħin u l-intensità ta' l-espożizzjoni permezz ta' l-użu ta' skedar tax-xogħol.

Każ eżemplarju: tnaqqis ta' l-impatt pnevmatiku ta' pressa

Emissjonijiet ta' l-oġġetti livell kienu qed iseħħu mill-ħruġ ta' ajra kompressata mill-pajp ta' l-exhaust fuq pressa ta' l-impatt pnevmatika u mill-impatt tal-virga tal-metall li tipproduċi l-ħoss hekk kif tolqot il-virga tal-metall f'dan it-tagħmir. It-twaħħil ta' *silencer* u l-kondizzjoni ta' l-arja minn apparat tal-politin poruż naqqset l-istorbju ta' l-arja kompressata f'forma ta' *exhaust* u l-istorbju ta' l-impatt ġie mnaqqas permezz ta' l-użu ta' kuxxinett ta' 8mm magħmula mill-elastomer uretanu speċjali bejn l-uċuħ tal-metall. L-eżitu kien tnaqqis tal-livelli globali ta' l-istorbju b'9 dB mingħajr effett sinifikanti fuq l-effiċjenza tal-ħidma globali tal-pressa⁽⁵⁾.

(1) Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol.

(2) Direttiva 2003/10/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Frar 2003 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà li jirrigwardaw l-espożizzjoni ta' ħaddiema għal riskji li jirriżultaw minn aġenti fiżiċi (ħoss). Din id-direttiva tisostitwixxi d-direttiva dwar l-istorbju ta' l-1986.

(3) Direttiva 89/656/KEE tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 1989 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għall-użu ta' taġġim ta' protezzjoni personali mill-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol.

(4) Direttiva 92/85/KEE tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed iredgħu.

(5) Każ eżemplarju mill-Eżekuttiv għas-Saħħa u s-Sigurtà 'Soluzzjonijiet Sodri' ('Sound solutions') (<http://www.hse.gov.uk/noise/soundsolutions/index.htm>).



Direttivi li jeħtieġu miżuri fuq il-post tax-xogħol m'humiex l-unika mezz li bihom is-saħħa tal-ħaddiema hija protetta. Il-ħtiġijiet fid-'direttiva dwar il-makkinarju' ⁽⁶⁾ u 'd-direttiva dwar il-makkinarju ta' barra' ⁽⁷⁾, fejn manifatturi huma meħtieġa sabiex jipprovdur informazzjoni dwar l-istorbju u dwar il-makkinarju, u f'xi każijiet jillimitaw l-emissjonijiet, għandhom jgħinu wkoll fit-tnaqqis tar-riskju għall-ħaddiema.

Dawn id-direttivi jagħmluha ċara wkoll li l-prevenzjoni permezz tad-disinn hija importanti b'mod vitali fil-ġlieda kontra l-istorbju fuq il-post tax-xogħol. 'Il-makkinarju għandu jkun iddisinjat u mibni b'tali mod li r-riskji li jirriżultaw mill-emissjoni ta' ħsejjes fl-arja jitnaqqsu sa l-inqas livell billi jitqiesu l-progress tekniku u d-disponibbiltà ta' mezzi li jnaqqsu l-ħoss, b'mod partikolari mis-sors' ⁽⁸⁾.

L-istandards għandhom rwol prinċipali fil-prevenzjoni ta' storbju fuq il-post tax-xogħol ikkawżat mill-espożizzjoni. Id-direttiva ta' l-2003 tirreferi għall-ISO 1999:1990 għall-valutazzjoni ta' l-espożizzjoni tal-ħaddiema, u bosta standards ippreparati mill-kumitati tekniċi tal-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) għandhom dispożizzjonijiet dwar l-istorbju sabiex isostnu l-ħtiġijiet essenzjali tas-saħħa u s-sigurtà fid-direttiva dwar il-makkinarju.

Storbju fis-settur tad-divertiment

Sabiex jiġu abbozzati miżuri għall-implimentazzjoni tad-direttiva ta' l-2003 fis-setturi tal-mużika u tad-divertiment, l-Istati Membri huma intitolati sabiex jagħmlu użu minn perjodu tranżitorju ta' sentejn sabiex jikkonformaw ma' din id-direttiva rigward dawn is-setturi. L-isfida li qed tiġi ffaċċjata hija li sikwit l-iskop tax-xogħol magħmul huwa intiż sabiex jagħmel l-istorbju, u l-kunċetti klassiċi ta' protezzjoni mill-istorbju m'humiex applikabbli. Minkejja dan m'hemm l-ebda dubju li bosta ħaddiema huma esposti għal livelli ta' pressjoni ta' storbju fix-xogħol tagħhom ta' kuljum li jista' jikkawża dan-nu lis-smiġh.

M'hemm soluzzjoni ovvja sabiex tiġi evitata l-espożizzjoni temporanja ta' storbju fuq skala għolja u sabiex tiġi garantita l-akbar espressjoni artistika fl-istess ħin. Tista' tinstab soluzzjoni Prattika biss permezz ta' kombinazzjoni ta' diversi miżuri għal tnaqqis ta' l-istorbju. Hemm numru ta' każijiet eżemplari marbuta ma' dan is-settur fir-rapport ta' l-Aġenzija, li juru metodi varji għall-protezzjoni tas-smiġh tal-ħaddiema.

Tnaqqis tar-riskji minn storbju kkawżat fuq il-post tax-xogħol

Ir-rapport komplet huwa disponibbli bl-Ingliż fuq is-sit elettroniku ta' l-Aġenzija (<http://agency.osha.eu.int/publications/reports/>) u jista' jiġi mniżżel bla ħlas. Leġiżlazzjoni nazzjonali tista' tirrikjedi standards oġhla, għalhekk i-verifika ma' l-awtorità ta' l-infurzar rilevanti. Jista' jkun hemm direttivi oħra li huma rilevanti li m'humiex imsemmija f'dan l-elenku qasir.

Direttivi rilevanti

- ✓ Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol
- ✓ Direttiva 89/656/KEE tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 1989 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għall-użu ta' tagħmir ta' protezzjoni personali mill-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol
- ✓ Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-tagħmir ta' protezzjoni personali
- ✓ Direttiva 92/85/KEE tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed iredgħu
- ✓ Direttiva 94/33/KE tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1994 dwar il-protezzjoni taż-żgħażaġh fuq ix-xogħol
- ✓ Direttiva 98/37/KE tal-Parlament u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-makkinarju
- ✓ Direttiva 2000/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2000 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri marbuta ma' l-emissjoni tal-ħsejjes fl-ambjent minn tagħmir li jintuża fuq barra
- ✓ Direttiva 2003/10/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Frar 2003 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà li jirrigwardaw l-espożizzjoni ta' ħaddiema għal riskji li jirriżultaw minn aġenti fiżiċi (ħoss), li tissostitwixxi d-Direttiva 86/188/KEE tat-12 ta' Mejju 1986 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji ġejjin minn ħsejjes fuq il-post tax-xogħol

Aktar Informazzjoni

Din il-folja tal-fatti hija parti mill-kampanja Ġimġha Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol 2005. Folji tal-fatti u informazzjoni addizzjonali dwar l-istorbju huma disponibbli fuq <http://ew2005.osha.eu.int>. Informazzjoni dwar leġiżlazzjoni ta' l-UE dwar is-saħħa u s-sigurtà tista' tinstab fuq <http://europa.eu.int/eur-lex/>

⁽⁶⁾ Direttiva 98/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar il-makkinarju.

⁽⁷⁾ Direttiva 2000/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2000 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri marbuta ma' l-emissjoni tal-ħsejjes fl-ambjent minn tagħmir li jintuża fuq barra.

⁽⁸⁾ Direttiva dwar il-Makkinarju ħtiġijiet essenzjali ta' saħħa u ta' sigurtà, Anness 1, Sezzjoni 1.5.8

L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol

Gran Vía, 33, E-48009 Bilbao
Tel. (34) 944 79 43 60, fax (34) 944 79 43 83
E-mail: information@osha.eu.int

